**1 ta' Frar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Anthony Camilleri

**Attakk u Reżistenza lill-Pulizija — Art. 95 tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-Pulizija, fl-eżerċizzju tad-doveri tagħha, għandha d-dritt li tuża dak il-"quantum" ta' forza li jkun neċessarju; u kull membru tal-Pulizija għandu dritt jiddefendi ruħu jekk ikun aggredit waqt li jkun qiegħed jagħmel dmiru.*

*Imma dan id-dritt tal-Pulizija lanqas ma għandu jiġi abbużat; u għalhekk, stante li l-element intenzjonali fid-delitt ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija hu li l-imputat ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja, l-imputat ma għandux jiġi ritenut ħati ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija meta da parti tal-Pulizija kien hemm abbuż minn dan id-dritt tagħhom; għax ma jistgħax ikun hemm din l-intenzjoni meta hemm eċċess da parti tal-Pulizija jew uffiċjal publiku.*

*Jista' f'każ simili jkun hemm ir-reat ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, jew ta' tfixkil u nġerenza fid-doveri tagħhom, jew ta' minaċċja ta' natura kontravvenzjonali, imma mhux id-delitt ta' attakk u reżistenza lill-Pulizija fl-eżerċizzju tad-doveri tagħhom.*

Il-Qorti:— Rat l-att tar-rinviju tal-Attorney General tal-5 ta' Ottubru 1957, tal-attijiet tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet fuq imsemmija, sabiex il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tiddeċidi fuq l-imputazzjoni talli l-imputat, fl-14 ta' Awissu 1957, f'xi t-8 p.m., attakka u għamel reżistenza bi vjolenza, u ħebb kontra P.S. 223 P. Micallef, P.C. 470 J. Grech, P.C. 969 C. Gauci, u P.C. 843 M. Diacono, persuni nkarigati, skond il-liġi, minn servizz publiku, waqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tad-dmirijiet leġittimi tagħhom, u mħabba l-eżekuzzjoni tad-dmirijiet leġittimi tagħhom, u barra

minn dan, ikkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' P.C. 843 M. Diacono, u nġurja u hedded lil P.C. 546 R. Camilleri waqt li dan kien qiegħed jaqdi d-dmirijiet leġittimi tiegħu;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Novembru 1957, li biha sabet lill-imputat ħati talli attakka u għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra persuna nkarigata minn *servizz publiku fil-waqt li din kienet taġixxi* għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri forzati għal żmien erbgħa xhur;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Hu fatt sorprendenti f'dan il-proċess, kif sewwa ġie rilevat mid-difiża fir-rikors tal-appell u fid-dibattitu, li l-Ewwel Qorti vvaljat il-każ unikament fuq ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, daqs kieku fil-proċess kien hemm biss id-depożizzjonijiet tax-xhieda li huma membri tal-Pulizija, u ttraskurat għal kollox, bħal li kieku għal kollox ineżistenti, ix-xhiediet tal-imputat u tal-pajżani, li, wara kollox, kienu xhieda okulari;

Il-kumpless tal-provi kollha, rettament valjati, juri dawn il-fatti:—

*Omissis;*

Issa, ma hemmx dubju li l-Pulizija, fl-eżerċizzju tad-doveri tagħha, għandha d-dritt li tuża dak il-"quantum" ta' forza li jkun neċessarju, u li membru tal-Pulizija għandu dritt jiddefendi ruħu jekk ikun aggredit waqt li qiegħed jagħmel dmiru. Lanqas jista' dak il-"quantum" jiġi miżurat sa millimetru, jew peżat sa onċja;

Minn naħa l-oħra, ma jistax jiġi applikat l-art. 95 Kap. 12, meta dak id-dritt tal-Pulizija jiġi abużat. Infatti, l-element intenzjonali ta' dan ir-reat hu li l-imputat ikun aġixxa biex jimpedixxi att ta' ġustizzja (Carrara, Vol. V, para. 2758). Ma jistax ikun hemm din l-intenzjoni jekk ikun hemm "eċċess" mill-parti tal-uffiċjali publiku (ara anki Maino, art. 192, paġ. 258; u Foro Penale Napoletano, anno 1925-26, p. 543-544);

Issa, il-fatti fuq imsemmija, li l-Ewwel Qorti, bla ebda raġuni apparenti, ittraskurat, anzi injorat għal kollox, jikkreaw fil-ġudikant almenu dubju ferm gravi li, kwantu għall-fatti kif żvolġew ruħhom l-Għassa, kien hemm eċċess mill-parti tal-Pulizija; u dan id-dubju, stante l-prinċipju li hu dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-imputazzjoni bla ma tħalli dubju raġjonevoli, għandu jibbenefika lill-imputat;

*Omissis;*

Eskluża, għalhekk, l-applikabilità tal-art. 95 għal dawk il-fatti li ġraw l-Għassa, jibqgħu biss il-fatti ndikati fuq fin-numri (1) u (2); u dawn, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jammontaw biss għar-reat kontravvenzjonali msemmi fl-art. 352 (cc), dak, ċjoè ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija u tfixkil u inġerenza fid-doveri tagħhom, u għal dak tar-reat ta' minaċċja lill-uffiċjal publiku kontemplat fl-art. 94, bl-applikazzjoni tat-tieni subartikolu, stante li l-minaċċja, f'dan il-każ, għandha titjies li kienet dik punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata, billi teskludi r-reat taħt l-art. 95 Kap. 12, misjub mill-Ewwel Qorti, u ssib lill-imputat ħati biss tar-reat kontravvenzjonali ta' diżubbidjenza għall-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija, u tfixkil u inġerenza fid-doveri tagħhom, u anki ta' minaċċja ta' natura kontravvenzjonali lill-kuntistabbli Camilleri fil-kors li dan kien qiegħed jaqdi dmiru; u wara li rat l-art. 352 (ċċ), 94 (1) u (2), 353 (e), u 19 (ċ)

Kap. 12, u wara li *qieset* li l-inċident kien provokat mill-karattru refrattarju u litiġjuż tal-imputat, kif juri l-inċident fil-ħanut ta' Seychell u l-fedina penali tiegħu fol. 3, tikkundannah għall-piena tad-detenzjoni għal żmien erbgħejn ġurnata għaż-żewġ reati.